



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Affarijiet Barranin*

---

**2012/2107(DEC)**

29.11.2012

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar ir-Rapport Speċjali Nru 6/2012 (kwittanza 2011) – 'L-Għajnuna tal-Unjoni Ewropea lill-Komunità Turko-Ċiprijotta', (skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, tat-TFUE)  
(2012/2107(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Marietta Giannakou

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jitlob lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006 tas-27 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi strument ta' sostenn finanzjarju għall-inkoraġġiment tal-iżvilupp ekonomiku tal-komunità Turko-Ċiprijotta,
  - wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 6/2012 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "L-Għajnuna tal-Unjoni Ewropea lill-Komunità Turko-Ċiprijotta",
- A. billi, bil-għan li jingħata kontribut għal soluzzjoni komprensiva għar-riunifikazzjoni ta' Ċipru, huwa essenzjali li jitkompla jingħata sostenn lill-oġġettivi kollha tal-għajnuna, kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006,
1. Jenfasizza l-importanza li tibqa' tingħata għajnuna lill-komunità Turko-Ċiprijotta, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill, kif osservat ukoll il-Kummissjoni fit-tweġiba tagħha għar-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri; jenfasizza l-importanza li l-komunità Turko-Ċiprijotta titressaq eqreb tal-Unjoni sabiex ikun faċilitat il-proċess ta' riunifikazzjoni; huwa tal-fehma, għalhekk, li għall-futur, ir-riżorsi allokat (i) lill-promozzjoni tal-iżvilupp soċjali u ekonomiku (ii) lill-iżvilupp u r-ristrutturar tal-infrastruttura, (iii) lir-rikonċiljazzjoni, il-miżuri tal-konsolidament tal-fiduċja u s-sostenn lis-soċjetà ċivili, (iv) lit-tressiq tal-komunità Turko-Ċiprijotta eqreb tal-Unjoni, (v) lit-tnejn ta' testi ġuridiċi allinjati mal-acquis tal-Unjoni, (vi) lit-tnejn għall-implimentazzjoni tal-acquis tal-Unjoni, kif ukoll għat-trawwim tal-integrazzjoni ekonomika bħala kwistjoni prijoritarja, għandhom jiżdiedu u l-programmi bikomunali relatati għandhom ikunu intensifikati;
  2. Jindika, partikolarment, ir-rwol fundamentali ta' proġetti bikomunali bħall-Kumitat għal Persuni Nieqsa, bil-għan li jiġi determinat id-destin tal-persuni nieqsa u b'hekk jingħata kontribut għar-rikonċiljazzjoni interkomunali; jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati l-fondi meħtieġa għall-operazzjonijiet tal-Kumitat għal Persuni Nieqsa u jitlob lill-Kummissjoni Ewropea, fis-sostenn tagħha lill-Kumitat għal Persuni Nieqsa, tappella lill-forzi militari Torok biex jippermettu l-aċċess għaż-żoni militari; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu ffinanzjati proġetti infrastrutturali u li jkun hemm kooperazzjoni b'mod aktar effiċjenti mal-Aġenziji u l-Programmi tan-Nazzjonijiet Uniti;
  3. Jindika wkoll l-importanza tat-tkomplija tas-sostenn għall-ħidma tal-Kumitat Tekniku dwar il-Patrimonju Kulturali, biex jiġu żgurati r-restawr u s-salvagwardja tas-siti storiċi u reliġjużi li jikkostitwixxu parti integrali tal-patrimonju kulturali ta' Ċipru u parti inseparabbli tal-patrimonju kulturali dinji kollu kemm hu;
  4. Jitlob lill-Kummissjoni timmassimizza ċ-ċirkolazzjoni tal-informazzjoni dwar is-sejthiet għal offerti għal programmi għar-rikonċiljazzjoni u t-tisħiħ tas-soċjetà ċivili; jindika, b'mod partikolari, l-ħtieġa li jiġu appoġġati l-programmi għall-integrazzjoni soċjoekonomika u l-għoti tas-setgħa lin-nisa fil-komunità Turko-Ċiprijotta;

5. Jenfasizza l-importanza li tiġi indirzzata l-kwistjoni mhux solvuta tal-proprjetà li tolqot iż-żewġ komunitajiet; ifakkar li madwar 78 % tal-art li hija proprjetà privata fil-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru hija l-proprjetà leġittima ta' Ċiprijotti Griegi u jenfasizza li se tkun essenzjali soluzzjoni għall-problema tal-proprjetà bħala soluzzjoni komprensiva għall-problema ta' Ċipru u biex tappoġġa pjanijiet futuri ta' riunifikazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tivverifika s-sjieda ta' tali artijiet sabiex ikunu salvagwardati d-drittijiet tas-sidien leġittimi;
6. Jenfasizza l-importanza tal-impjant tad-desalinizzazzjoni tal-ilma tal-baħar fil-parti tat-Tramuntana tal-gżira bil-għan li jippreserva r-riservi tal-ilma ta' taħt l-art biex jittaffa r-riskju ta' nixfa relatat mat-tnaqqis ta' 40 % fl-ammont ta' xita li tinżel kull sena f'dawn l-aħħar 30 sena, u jitlob lill-Kummissjoni ssalva u terġa' tniedi dan il-proġett b'mod li jikkontribwixxi għall-paċi fil-gżira u mingħajr diskriminazzjoni abbażi tal-orijini tas-sejħiet għal offerti; huwa mħasseb ħafna li dan il-proġett ma mexxiex minħabba restrizzjonijiet imposti fuq l-appaltatur Greko-Ċiprijott mill-forzi militari Torok; jitlob lill-Kummissjoni tirrapporta kwalunkwe episodju simili ta' diskriminazzjoni fi proġetti li għadhom għaddejjin u oħrajn futuri lill-Parlament Ewropew;
7. Fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra miżuri bil-għan li jkomplu jtejbu l-ġestjoni tal-għajnuna abbażi tal-qafas ġuridiku eżistenti u f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	27.11.2012
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 44 -: 2 0: 3
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Elmar Brok, Jerzy Buzek, Mário David, Marietta Giannakou, Ana Gomes, Andrzej Grzyb, Richard Howitt, Anna Ibrisagic, Liisa Jaakonsaari, Ioannis Kasoulides, Maria Eleni Koppa, Andrey Kovatchev, Eduard Kukan, Vytautas Landsbergis, Ulrike Lunacek, Mario Mauro, Willy Meyer, Francisco José Millán Mon, Alexander Mirsky, Norica Nicolai, Justas Vincas Paleckis, Pier Antonio Panzeri, Alojz Peterle, Bernd Posselt, Hans-Gert Pöttering, Fiorello Provera, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, György Schöpflin, Laurence J.A.J. Stassen, Charles Tannock, Inese Vaidere, Geoffrey Van Orden, Sir Graham Watson
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Reinhard Bütikofer, Anne Delvaux, Christian Ehler, Knut Fleckenstein, Elisabeth Jeggle, Agnès Le Brun, Potito Salatto, Ivo Vajgl, Luis Yáñez-Barnuevo García, Janusz Władysław Zemke
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	João Ferreira, Ashley Fox, Jolanta Emilia Hibner, Antigoni Papadopoulou, Kyriacos Triantaphyllides, Peter Šťastný